MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 714/2001/1

**Joseph Muscat u martu Mary Muscat u b' digriet tas-26 ta' Mejju, 2004 stante il-mewt tal-attur Joseph Muscat il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Muscat, Victor Muscat, Doreen Scicluna, Lucienne Muscat, Johann Muscat u Herbet Scerri bhala l-eredi tal-imsemmi Joseph Muscat**

**vs**

**Carmelo sive Charles Borg f'ismu u bhala prokuratur ta' l-assenti Bernard Smith u Giulia sive Julie mart Ernest German**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:-

Illi l-atturi huma s-sidien ta’ sehem minn gardina li jigi wara l-fond tieghu 136 Rudolph Street, Sliema;

Illi l-atturi biss ghandhom accesss biex jidhlu fl-istess gardina u l-konvenut ma ghandhom ebda access;

Illi skond sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Borg pro et nomine u Joseph Muscat (deciza 6/10/00) l-attur gie ordnat itella hajt bejn il-gnien tieghu u l-gnien in kwistjoni (Dok A);.

Illi jekk itella dan il-hajt hadd ma jkollu access ghal dan il-gnien u l-istess gnien jerga jintela bil-grieden u zibel;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:-

1. Tordna li l-atturi bhala sidien ta’ parti mill-gnien ghandhom ikollhom access mill-fond taghhom ghal istess gnien sabiex ikunu jistghu juzaw l-istess skond il-ligi;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :

1. Illi l-attur ma jistax lanqas parzjalment sentenza jew l-effetti ta’ sentenza illi ghaddiet in gudikat, kif jigri fil-prattika jekk it-talba tieghu tigi accettata;.

2. Illi fil-fatt jesisti access iehor ghall art in kwistjoni minn propjeta tal-istess konvenuti. X’jigri mill-art hija kwistjoni illi ma ghandjiex tindahal fiha din l-Onorabbli Qorti;

3. L-attur qed jipprova permezz ta din il-kawza jestendi ghal zmien iehor l-okkupazzjoni illegali tieghu tal-klawsura

imsemmija li ilu jokkupa illegalment snin twal. Hu xtara s-sehem indivis tieghu ftit qabel giet deciza l-kawza li qed jiccita hu fil-Prim Awla;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-affidavit tal-attur Joseph Muscat;

Rat l-affidvit tal-konvenut Charles Borg;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2003 minn fejn jirrizulta li gie ordnat li l-ewwel tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-imsemmija l-ewwel eccezzjoni;

Semghet it-trattazzjoni rali tad-difensur tal-atturi dejjem dwar l-ewwel eccezzjoni;

Ikkonsidrat :

L-atturi jippremettu li huma s-sidien ta' sehem minn gardina li tigi wara l-fond 136  Rudolph Street, Sliema. L-atturi jippremettu ukoll li huma biss ghandhom accesss biex jidhlu fl-istess gardina filwaqt li l-konvenuti ma ghandhomx tali access. Skond sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo sive Charles Borg pro et nomine u Joseph Muscat" deciza fis-6 ta' Ottubru 2000 l-attur odjern gie ordnat itella hajt bejn il-gnien tieghu u l-imsemmija gadina. L-atturi jippretendu li jekk jittella dan il-hajt hadd ma jkollu access ghal dan il-gardina u l-istess terga tintela bil-grieden u zibel. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi ordnat li l-atturi bhala sidien ta' parti mill-gardina ghandhom ikollhom access mill-fond taghhom

ghal istess gardina sabiex ikunu jistghu juzawha skond il-ligi;

Il-konvenuti, apparti eccezzjonijiet ohra, fl-ewwel lok qed jeccepixxu li l-atturi ma jistghux lanqas parzjalment jattakaw sentenza jew l-effetti ta' sentenza li ghaddiet in gudikat;

Bil-presenti qed tigi deciza biss din l-ewwel eccezzjoni;

L-attur Joseph Muscat ikkonferma li hu sid ta' parti indiviza tad-dar u hanut 137 u 138 Rudolph Street, Sliema bi gnien anness. Hemm access ghal dan il-gnien mill-fond 136 Rudolph Street, Sliema propjeta tal-attur. L-attur ighid li jekk jgi mgiegel itella l-hajt indikat fic-citazzjoni hu ma jkunx jista juza l-gnien. Bhala sid ta' parti ta' dan il-gnien l-attur jippretendi li ghandu ikompli juza l-istess gnien;

Il-konvenut Charles Borg ikkonferma li hu komproprjetarju u amministratur al-fondi 137 u 138 Triq Rodolfu Sliema. Huwa ghamel referenza ghas-sentenza indikata fic-citazzjoni u li biha l-attur gie ordnat itella mill-gdid il-hajt li kien waqqa biex ikollu access liberu ghall fuq il-giardina in kwestjoni;

Jirrizulta li b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2000 fil-kawza "Carmelo sive Charles Borg pro et nomine et vs Joseph Muscat" ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti li biha l-attur odjern f'dawn il-proceduri gie ordnat jerga jtella il-hajt divizorju li jifred il-proprjetajiet in kwestjoni u dan fi zmien specifikat. Fin-nuqqas il-konvenuti odjerni gew awtorizzati jghamlu dan ix-xoghol a spejjez tal-parti l-ohra;

L-atturi, f'dawn il-proceduri, donnhom qed jitolbu li din il-Qorti b'xi mod tvarja jew tbiddel dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza. Hu zgur li din il-Qorti ma tistax tbiddel dak li gia gie deciz mill-Qorti tal-Appell. Id-

dcizjoni tal-Qorti tal-Appell issa ghaddiet in gudikat u bla dubju torbot il-partijiet fil-kawza relattiva. Konsiderazzjonijiet ohra huma ghal kollox irrilevanti u ma jistghux ibiddlu dak li gia gie deciz. Hu ghalhekk irrilevanti li l-atturi biss ghandhom accesss ghal giardina. Hu rrilevanti ukoll li jekk jittella il-hajt kif ordnat fl-imsemmija sentenza hadd ma jkollu access u l-giardina tiddeterjora;

Jirrizulta ghalhekk li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hi fondata u b’hekk zgur li l-atturi ma jistghux lanqas parzjalment jattakaw sentenza jew l-effetti ta’ sentenza li ghaddiet in gudikat. Konsegwentement l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti billi tilqa l-istess eccezzjoni u ghalhekk il-konvenuti qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizju;

Spejjez kollha kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------